FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

30 t'April 2010

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tat-Tnejn u Erbghin (42) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-tnejn u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 5 t'April 2010 fis-5.45pm.**

It-tnejn u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur u l-Ittra ta' Direzzjoni
6. *Jum il-Floriana*
7. Permessi ta' kazini waqt attivitajiet fil-Floriana
8. Genna ta' Gonna … u hafna aktar !
9. Festival Nazzjonali tal-loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010
10. Il-funtani tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u Gnien Sir Luigi Preziosi
11. Gnien Sir Luigi Preziosi
12. Għażla tal-Offerti : -
    i. KLF/T/01/10 - Progett ta' Picc sintetiku fic-Centru Rireattiv ir-Re Gorg V
    ii. KLF/T/02/10 - Drittijiet Esklussivi ghal bejgh ta' ikel u xorb matul il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
    iii. KLF/Q/03/10 - Provvediment ta' Amplifikazzjoni u Dawl ghal matul il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
    iv. KLF/Q/06/10 - Iffilmjar tal-Oratorju fil-Katidral tal-Imdina
    v. KLF/Q/07/10 - Awards originali ghall-Festival Nazzjonali tal-loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
    vi. KLF/Q/08/10 - Stampar ta' Banners
    vii. KLF/Q/09/10 - Iffilmjar bl-Outside Broadcasting Unit fil-Parrocca ta' San Publju
    viii. KLF/Q/10/10 - Gheluq ta' fetha b'folji tal-hadid iggalvanizzat fit-Telgha tal-Kurcifiss
13. Kuntratti tat-tindif tal-Gonna u l-Latrini Pubblici
14. Rizoluzzjoni specjali dwar il-kuntratt tal-asflatar ta' toroq
15. Asfaltar ta' toroq residenzjali
16. Gnien Herbert Ganado
17. Ħwejjeg Oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-tnejn u erbghin (42) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma. Il-**

**Vici Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat u attenda wara materja no. 2.1.**
**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' minuta silenzju mis-Sindku Nigel Holland f'gieh il-vittmi tal-ispluzjoni tal-kamra tan-nar ta' San Bastjan, f'Hal Qormi.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-wiehed u erbghin (41) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel mal-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant, gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena li ser torganizza wirja fotografika fuq id-devozzjoni lejn San Publju madwar il-Gzejjer Maltin. Il-Banda Vilhena talbet biex din l-attivita’ tigi organizzata konguntament mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ghal din is-sena hija ezawrita u ghalhekk, ghandhom jibdew ifittxu sponsors ohrajn.

**Nota: 18:00 Il-Vici Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand NNG Promotions fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jittellghu 3 kuncerti fuq il-Fosos matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni biex johrog il-permessi bil-kundizzjonijiet tas-soltu, fost ohrajn li jsir depozitu ta' €1,160 ghal kull attivita' biex jaghmlu tajjeb ghad-danni.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Onsite Malta fejn talbu l-permess tal-Kunsill Lokali biex jorganizzaw zewg attivitajiet relatata ma’ konferenza ta’ 5,000 delegat fuq il-Fosos bejn it-22 ta’ Awwissu u l-5 ta’ Settembru. Il-Kunsill approva dawn iz-zewg attivitajiet bil-kundizzjonijiet tas-soltu, fost ohrajn li jsir depozitu ta' €1,160.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand impjegata tal-Housing, fejn talbet f’isem l-impjegati l-ohra, li jkollhom parking bays mhux limitati bil-hin quddiem l-ufficini taghhom minhabba l-problema ta' parkegg li qed isibu. Il-Kunsill m'approvax din ir-rikjesta minhabba li l-problema ta' parkegg hija ferm aktar kbira ghar-residenti Furjanizi u kien proprju ghalhekk li nholqot din l-iskema.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Din l-Art Helwa fejn offrew lill-Kunsill li jigu ppublikati numru ta' kotba fuq mixjiet lokali, simili tal-Heritage Trail imma b'aktar pagni u stampi. Sehem il-Kunsill huwa li l-Kunsill jixtri 1,000 kopja ta’ dan il-ktejjeb bil-prezz sussidjat ta’ €1.25 –il wiehed. Il-Kunsill qabel li jidhol bi shab ma’ Din l-Art Helwa billi jixtri 1,000 minn dan il-ktejjeb li l-Kunsill ikun jista’ jbieghu bil-prezz ta’ €2.50.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand TCTC fejn informaw lill-Kunsill li ghal sena ohra ser ikunu qed jorganizzaw il-kors E-Tfal. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jghin biex jigi offrut dan il-kors u qabel li ghandha tiehu hsieb l-organizzazzjoni l-Kunsilliera responsabbli mit-tfal.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarju tal-gazzetta Il-Furjana fejn offrew lill-Kunsill zewg pagni bil-kulur fuq il-harga specjali tal-Festa ghall-prezz ta' €475. Il-Kunsill approva.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Casingena ghall-kompjuter gdid ghall-Kunsilliera u zewg TFT monitors total ta' €615. Il-Kunsill approva.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-bilanc tas-Sur Alfred Briffa kien gie issetiljat minhabba li l-Kunsill kellu jaghti xi flus ghall-ispejjez tal-iskips li kienu gew ordnati mis-Sur Briffa filwaqt li s-Sur Briffa kellu jaghti l-ammont ta' spejjez li saru biex tnehha l-materjal mis-soft area.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem PricewaterCoopers biex isir National Household Survey fejn talbu l-uzu ta' kamra mis-Sede tal-Kunsill Lokali ghal siegha nhar is-26 ta' Mejju 2010. Il-Kunsill approva.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjuri Camilleri fejn talbu permess jarmaw xi loghob ghat-tfal fuq il-Fosos dakinhar tal-Festa ta' San Publju u tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill m'approvax din it-talba minhabba li fiz-zminijiet mitluba, il-Fosos ser ikun mimli b'wirjiet tan-nar.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn informaw lill-Kunsill li s-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali kien qed iniedi progett ghall-access ghall-internet lir-residenti u ghalhekk offrew lill-Kunsill jipproponi siti li jistghu ikunu Access points. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, il-Fosos, Pjazza Robert Samut u l-Gnien tal-Biskuttin.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn informaw lill-Kunsill li l-Konferenza Stampa rigward il-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ser issir nhar is-6 t'April 2010 fi Gnien il-Mall. Il-Kunsill qabel li ghal din il-Konferenza Stampa ghandu jattendi il-Kunsillier Edward Torpiano, bhala Chairperson tal-Kumitat Organizzattiv.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipariment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bl-iskema ta' ghajnuna finanzjarja ghal korsijiet Lifelong Learning fejn il-Kunsill gie offrut japplika biex jorganizza dawn il-korsijiet bazici. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat l-applikazzjoni tieghu.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill lis-Sur John Aquilina li xtaq jibda' jaghmel parti mill-Kunsill Lokali taz-Zghazagh. Il-Kunsill approva.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet jekk il-Kunsill kienx iccekkja dwar il-permess tal-ufficcju tal-United Nations li nfetah ricenti. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill baghat ittra formali lill-MEPA biex tiehu azzjoni. Il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **37-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8393 sa 8473.

4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill zewg invoices ohra, wahda tas-servizz ta' Proofreading ghal ktieb ta' Joe Bugeja li tammonta ghal €110 u l-ohra tax-xoghol li sar fuq il-bankina ta' Triq San Frangisk (retention) (Dion Galea) total ta' €451.38.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8393-8475 bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur u l-Ittra ta' Direzzjoni

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-approvazzjoni tar-rapport tal-awditur u l-ittra ta' direzzjoni ghadhom ma waslux ghand il-Kunsill minhabba li l-*accountant* kien ghadu ma pprovdiex ir-rapport.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla li ilu tlett gimghat jipprova jikkuntattja lill-Accountant tal-Kunsill izda minghajr success. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla li fid-dawl ta' dan, huwa jirrakomanda li l-Kunsill iqabbad lill-istess kumpanija tal-awdituri biex jiffinalizzaw ir-rapport finanzjarju, u dan bil-permess tal-Ufficcju Nazzjonali tal-Awditur Generali.

5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni ta' 3A Accountants bil-prezz ta' €250. Il-Kunsill approva dejjem jekk ma jkunx hemm oggezzjoni min-*National Audit Office*.

5.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jtemm il-kuntratt tal-Accountant Patrick Caruana b'effett immedjat.

5.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tinhareg sejha mill-aktar fis possibli ghal servizzi t'*accountant*.

## 6.0 *Jum il-Floriana*

6.1 Is-Sindku Nigel Holland staqsa lill-Vici-Sindku Franco Davies meta kellhom jitlestew ir-ritratti li ser jintwerew ghall-wirja ta' Jum il-Floriana. Il-Vici-Sindku Franco Davies wiegeb li dawn ir-ritratti ghandhom jaslu fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali Floriana sa mhux aktar tard min-nhar il-Hamis 8 t'April.

6.2 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ghaqdiet li ssottomettew l-applikazzjoni taghhom ghall-ghajnuna finanzjarja li ssir permezz ta' gabra. Minhabba li kien hemm applikazzjoni wahda, il-Kunsill qabel li din is-sena, il-gabra ghandha tmur ghall-ghaqda li applikat li hija l-Floriana Basketball Club.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat ressaq in-nominazzjonijiet li dahlu ghall-premju ghaz-Zghazagh "Mario Muscat". Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex Premju Mario Muscat jinaghta lil Rebecca D'Agostino. Il-Kunsillier Edward Torpiano ssekonda din il-mozzjoni. Wara li ttiehed vot, il-mozzjoni m'ghaddietx bi tliet voti kontra (VB, FD, SSH). Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsill approva unaninimament li jinghata l-premju Mario Muscat lis-Sur Antoine Joseph Hili.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat ressaq ressaq in-nominazzjonijiet li dahlu ghall-premju ghat-Tfal " Trofew Marcelle Holland". Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsill approva li jinghata t-Trofew Marcelle Holland lis-Sinjorina Lorna Mangion.

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv K.Brincat ressaq ressaq in-nominazzjonijiet li dahlu ghall-premju "Ir-Resident tas-Sena". Il-Kunsilli Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex dan il-premju jinghata lis-Sur

Carmel Saliba, izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant, din il-mozzjoni giet meqjusa nulla.

6.6 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni li jinghata l-premju Resident tas-Sena lis-Sinjorina Gaetana Camilleri, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, FD)
Kontra: 2 (SSH, VB)
Astensjonijiet: 1 (ET)

6.7 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni li jinghata l-premju Resident tas-Sena lis-Sinjura Mary Dimech, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, SSH)
Kontra: 3 (NH, FD, ET)

6.8 Peress li s-Sindku uza l-casting vote, il-mozzjoni mressqa minnu f'6.6 giet approvata. Ghaldaqstant il-persuni li ghandhom jigu onorati din is-sena huma s-Sur Antoine Joseph Hili ghall-Premju Mario Muscat, is-Sinjorina Lorna Mangion ghat-Trofew Marcelle Holland u s-Sinjorina Gaetana Camilleri bhala r-Resident tas-Sena.

## 7.0 Permessi ta' kazini waqt attivitajiet fil-Floriana

7.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titpogga fl-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba li qabel ma tigi diskussa, trid issir rizoluzzjoni specjali peress li kienet diga' ttiehdet decizjoni mill-Kunsill f'laqgha precedenti.

7.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano staqsa lill-Kunsill kif kienu baqghu l-hwienet li gew mitluba jirrifondu l-Kunsill minhabba nuqqasijiet fic-Celebrazzjoni ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' ma' dawk li talbu laqgha mal-Kunsill nhar it-Tnejn 12 t'April 2010 fis-5:45pm.

## 8.0 Genna ta' Gonna … u hafna aktar !

8.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill Lokali Floriana jorganizza attivita' simili ta' Notte Bianca fil-Floriana izda bid-differenza li din tkun filghodu u li tkun tikkoncentra fuq il-gonna u postijiet ta' interess fil-lokalita

8.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa wkoll li ghandna nitolbu s-servizz ta' cabs li jipprovdu trasport mill-Valletta Waterfront u xi postijiet ohrajn. Il-Kunsill qabel.

8.3 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lill-kuntrattur li joffri s-servizz ta' ferrovija bhalma jkun hemm ir-Rabat dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li jekk dan is-servizz ikun offrut, ikun hemm gwida fuq l-istess ferrovija li tiggwida u tindika l-postijiet li jkunu qed jintwerew.

8.4 Il-Kunsill qabel fil-principju li ssir din l-attivita' u iffissa id-data tat-3 t'Ottubru 2010 ghal din l-attivita'.

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja u semma xi dettalji li ghad jonqos xi preparamenti xi jsiru. Il-Kunsill ghandu jipprovdi n-numru dirett tas-Sindku ghall-kuntatt mal-midja fil-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

9.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-Grand Hotel Excelsior kien offra li jakkomoda lill-gurija tal-Festival fuq bazi ta' Bed and Breakfast. Il-Kunsill approva li l-Kunsill ihallas id-differenza biex tinghata akkomodazzjoni fuq bazi Half Board lill-membri tal-gurija.

9.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-isponsor tal-ikla fir-restorant Lo Squero kienet ikkonfermata.

9.4 Rigward is-servizz ta' cranes, il-Kunsillier Torpiano informa lill-Kunsill li dan is-servizz aktarx kien ha jinghata bhala sponsor mill-Elbros.

9.5 Il-Kunsillier Torpiano informa lill-Kunsill li ghandu jerga' jikkuntattja lill-kuntrattur biex it-toqob ikunu lesti sa mhux aktar tard min-nhar it-Tnejn 12 t'April 2010.

9.6 Rigward il-filmati tal-Festival u x-xandira televiziva tieghu, il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-ispiza kienet ser tammonta ghal total ta' €500 + VAT. Il-Kunsill approva.

9.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil Fr Charles Cordina u jinsisti li t-tribuna u l-hajt tal-madwar li ttellghu fi Pjazza San Publju ghandhom ikunu zarmati sa mhux aktar tard minn kmieni filghodu ta' nhar il-Gimgha 23 t'April 2010.

## 10.0 Il-funtani tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u Gnien Sir Luigi Preziosi

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill is-suggeriment tas-Sur Joe Cutajar li toghla l-bazi tal-qiegh tal-funtani biex jigi ffrankat l-ammont ta' ilma li jintuza biex jimtlew.

10.2 Il-Kunsill qabel biex isir studju ta' *cost effectiveness* mill-periti tal-Kunsill qabel ma' din il-materja ghandha terga' tigi mressqa ghad-diskussjoni tal-Kunsill .

10.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghall-manutenzjoni tal-gazebos li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

## 11.0 Gnien Sir Luigi Preziosi

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi issuggerixxa biex fuq il-Bieb Ewlieni ta' Gnien Sir Luigi Preziosi jkun hemm l-isem tal-Gnien. Is-Sindku kompla li l-ittri ghandhom jigu mhaffrin minflok imwahhlin. Il-Kunsill qabel.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-fanali mkissrin li hemm fi Gnien Preziosi. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Anton Zarb kien qed jiehu hsieb isewwi dawn il-fanali.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghandhom jittellghu bnadar ta' Malta u tal-Floriana ghall-attivita' ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad lill-kuntrattur li jiftah u jaghlaq il-gonna biex jaghmel dan ix-xoghol.

## 12.0 Għażla tal-Offerti : -

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

12.1 **KLF/T/01/10 – Progett ta' Picc sintetiku fic-Centru Rireattiv ir-Re Gorg V**

12.1.1 Il-Kunsill qabel li ghad irid jistenna r-rapport tekniku tal-Perit qabel ma tittiehed decizjoni.

12.2 **KLF/T/02/10 – Drittijiet Esklussivi ghal bejgh ta' ikel u xorb matul il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' tas-Sur Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-ahjar offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.3 **KLF/Q/03/10 – Provvediment ta' Amplifikazzjoni u Dawl ghal matul il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' ta' Sound Tech-8 fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.4 **KLF/Q/06/10 – Iffilmjar tal-Oratorju fil-Katidral tal-Imdina**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' tas-Sur Mario Farrugia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.5 **KLF/Q/07/10 - Awards originali ghall-Festival Nazzjonali tal-loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**

12.1.1 Minhabba li ma kien hemm l-ebda offerta', il-Kunsill iddecieda biex jixtri dawn l-awards minghand l-istess hanut li l-Kunsill xtara fis-snin precedenti u dan sakemm ma tinqabizx is-somma stipulata fir-regolamenti finanzjarji ghall-ordni diretta (direct order).

12.6 **KLF/Q/08/10 - Stampar ta'Banners**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' ta' Zaffarese fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)

Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.7 **KLF/Q/09/10 – Iffilmjar bl-Outside Broadcasting Unit fil-Parrocca ta' San Publju**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' tal-Media.link Communications fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.8 **KLF/Q/10/10 – Gheluq ta' fetha b'folji tal-hadid iggalvanizzat fit-Telgha tal-Kurcifiss**

12.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsill approva li jaghzel l-offerta' tas-Sur Dione Galea fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 13.0 Kuntratti tat-tindif tal-Gonna u l-Latrini Pubblici

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi semma li l-Kunsill qed jircievi bosta ilmenti dwar iz-zamma tal-latrini u sahaq mal-kunsilliera biex jissorveljaw dan is-servizz.

13.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li l-bieb tal-latrini tal-irgiel kien ghadu bla pum anke jekk il-Kunsill kien informa lill-kuntrattur kemm il-darba biex jiehu hsieb jirrangah u li l-latrini tan-nisa kienu qed ikunu ta' sikwit maghluqin minhabba nuqqasijiet ohrajn. Il-Kunsillier Borg semma li l-Kunsill ircieva rapport fuq nuqqas ta' ndafa fil-latrini tal-Bombi filwaqt li semma wkoll li l-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ghandhom l-hgieg tat-twieqi mkissrin u li ilhom il-gimghat biex jigu rrangati.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex titwahhal il-penali ghal kull nuqqas imsemmi mill-kunsillier Vincent Borg.

13.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jnaqqas lill-kuntrattur penali ta' €25 ghal kull nuqqas, total ta' €100 u jinformah bil-miktub dwar dan.

## 14.0 Rizoluzzjoni specjali dwar il-kuntratt tal-asfaltar ta' toroq

14.1 Is-Sindku Nigel Holland qara r-rizoluzzjoni specjali li tinsab annessa ma' dawn il-minuti u fetah id-diskussjoni dwarha.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni din ir-rizoluzzjoni specjali kellha titressaq quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni qabel ma sar ix-xoghol mill-kuntrattur.

14.3 Il-Kunsill approva r-rizoluzzjoni specjali dwar il-kuntratt tal-asfaltar tat-toroq.

14.4 Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntratt tal-kuntrattur ghandu jigi tterminat kif appena jitlesta x-xoghol pendenti. Il-Kunsill approva li ghandha tinhareg sejha ghal kuntrattur gdid ladarba x-xoghol jitlesta.

## 15.0 Asfaltar ta' toroq residenzjali

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja biex jara f'hiex wasal ix-xoghol preparatorju biex isir ix-xoghol tal-asfaltar ta' Triq is-Suq (iz-zewg truf).

15.2 Il-Kunsillier responsabbli mix-xoghlijiet ghandu jara x'servizzi hemm bzonn jinbiddlu f'dawn iz-zewg partijiet ta' Triq is-Suq, u jghin lir-residenti li ghandhom servizzi x'jinbiddlu biex issirlhom l-applikazzjoni ghal dan il-bdil ta' servizz.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland ssuggerixxa biex wara li jsir dan ix-xoghol imsemmi hawn fuq, ghandha ssir il-parti ta' Triq il-Miratur.

## 16.0 Gnien Herbert Ganado

16.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said biex jikkjarifika li dan il-gnien jaqax taht ir-responsabbilta tal-Kunsill peress li l-Kunsill ma jiehux fondi ghall-manutenzjoni tieghu li izda mhuwiex eskluz mir-responsabbilta' tal-Kunsill.

16.2 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jibghat ittra lill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali biex jistaqsi f'hiex waslet l-applikazzjoni u x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern Centrali dwar l-istess gnien.

16.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinsisti mal-Pulizija biex tizdied is-sorveljanza f'dan il-gnien.

## 17.0 Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano issuggerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Austin Gatt dwar l-ispekulazzjonijiet li l-monti tal-Belt ser jibda' jsir fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Ministru u jsaqsi dwar dawn ix-xniegaht, u wkoll jistaqsi dwar il-pjanijiet li ghandu l-Ministeru ghall-Bus terminus.

17.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li fl-istess ittra msemmija f'17.1, il-Kunsill ghandu jerga' jfakkar lill-Ministru fil-laqgha li l-Kunsill kien talbu dwar Triq Sant'Anna.

17.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ssir tabella ta' Cul de Sac fi Triq il-Miratur c/w Triq is-Suq. Il-Kunsill approva.

17.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infomat lill-Kunsill li l-iSkola Primarja kienet offriet li l-Kunsill jiehu hsieb it-trasport ghall-iSports Day li ser issir f'kumpless f'Rahal Gdid. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

17.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggerit li Triq l-Isqof Mauro Caruana (bejn Triq is-Suq u Triq il-Miratur) tinghalaq u tigi *pedestrianised*. Il-Kunsill qabel fil-principju sakemm ma jkunx hemm oggezzjoni mir-residenti tal-istess triq. Decizjoni finali ghad trid tittiehed wara li jigu kkonsultati r-residenti tal-istess triq.

17.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li sid il-hanut Jobbers Ironmongery kien offra s-servizz b'xejn biex jizbogh il-planters li hemm fi Triq l-Isqof Mauro Caruna minghajr hlas, dejjem jekk il-Kunsill joffrilu z-zebgha necessarja. Il-Kunsill qabel.

17.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li x-xoghol fuq in-nicca tat-Telgha tal-Kurcifiss kien ser jibda' dalwaqt.

17.8 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li hemm bzonn li titnehha r-rampa li hemm fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol irid isir mill-kuntrattur tal-asfaltar wara li jinsab kuntrattur gdid jew inkella minn kuntrattur iehor wara li tingieb kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol skond il-proceduri finanzjarji.

17.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill ircieva ittra mill-ADT fejn ikkonfermaw li l-iskema ta' parkegg fil-Floriana kienet valida u konformi mal-ligi.

17.10 Il-Vici Sindku Franco Davies ippropona li fuq l-uniformi tal-kuntratturi u tal-haddiema tal-Kunsill, ghandu jkun hemm l-arma tal-Kunsill u l-kliem Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill approva.

17.11 Il-Vici Sindku Franco Davies ippropona li ghandha tinhareg sejha ghall-vann second hand biex ikun jista' jigi uzat mill-haddiema tal-Kunsill Lokali ghal xogholijiet u trasport ta' materjal. Il-Kunsill approva li ghandha tinhareg din is-sejha, li izda decizjoni dwar jinxtarax dan il-van tittiehed skond il-prezzijiet peress li din l-ispiza ma gietx allokata fl-Estimi Annwali.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju fis-17:45.

Il-laqgha ntemmet fid-20.35.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv